MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru 1258/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Graziella Muscat)**

**Vs.**

**Romina Azzopardi**

**Illum 17 ta’ Frar 2011**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Romina Azzopardi ta’ tnejn u ghoxrin (22) sena, bint Jason u Georgina neè Farrugia, imwielda Pietà nhar il-15 ta’ Gunju 1988 u residenti Nru.36, Fuq Verdala, Bormla, detentrici ta’ Karta ta’ l-Identità bin-Numru 280288(M), talli gewwa l-Marsa u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Novembru 2010 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda cioè talli:

1. Xjentement ghexet ghal kollox jew f'parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra cioè ta' Yanica Aquilina;
2. Irrendiet ruhha recidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li giet misjuba hatija b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
3. Ikkommettiet reat waqt li kienet taht perijodu operattiv ta' *probation*, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D., nhar it-18 ta' Gunju 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex din il-Qorti, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurtà ta' Yanica Aquilina u l-familja taghha, kif ukoll ghax-xhieda okulari ohra tal-Prosekuzzjoni u minn issa tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa, u talbet ukoll sabiex f'kaz ta' htija minbarra li jigu nflitti l-pieni stabbiliti mill-Ligi, il-Qorti tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u senjatament ix-xhieda ta' Manuel Scicluna rapprezentant tal-Caritas, Vicky Scicluna rapprezentant ta' l-Agenzija Sedqa u tal-Probation Officer Mary Rose Farrugia waqt is-seduta tat-3 ta' Dicembru 2010, u x-xhieda ta' Jean Calì rapprezentant tal-Caritas waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2011;

Rat id-dokumenti esebiti, senjatament ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputata, il-fedina penali ta' l-imputata, iz-zewg stqarrijiet li l-imputata rrilaxxjat lill-Pulizija, sentenza pronuncjata minn din il-Qorti presjeduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quitano datata 27 ta' Gunju 2007, u rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz ta' l-imputata jigi trattat bi procedura sommarja u t-twegiba ta' l-imputata

li ma ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzata bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Rat li a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista' tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputata;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni ta' htija ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti jkollha necessarjament issib lill-imputata hatja tar-reati addebitati lilha u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghha.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputata kif ukoll il-fatt li l-istess imputata qed turi xewqa li tindirizza b'mod serju il-vizzju tad-droga li ghandha u dana billi ssegwi fuq bazi residenzjali programm ta' riabilitazzjoni. Qed tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li fil-mori dawn il-proceduri l-imputata b'mod evidenti già bdiet tindirizza din il-problema li ghandha u li mix-xhieda ta' Jean Calì, rapprezentant tal-Caritas, irrizulta li l-imputata tista' tibda dan il-programm fuq bazi residenzjali zgur f'April tas-sena kurrenti.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha izda billi jissussistu l-elementi elenkati fl-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu

446 tal-Ligijiet ta’ Malta u in partikolari billi fil-fehma tal-Qorti s-sorveljanza ta’ l-imputata minn ufficjal tal-*probation* hija mixtieqa fl-interess li tigi assikurata r-rijabilitazzjoni taghha mill-vizzju tad-droga, tqieghed lill-imputata taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mid-data ta’ din is-sentenza u dana taht dawk il-kondizzjonijiet imposti b’Digriet ta’ Ordni ta’ *Probation* moghti llum stess, 17 ta’ Frar 2011, liema Digriet jinsab anness ma’ din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ l-imputata l-Qorti u ghar-ragunijiet fuq espressi, taghzel li ma tittrattax ma’ l-imputata ghar-reat li dwaru kien sar l-ordni ta’ *probation* tat-18 ta’ Gunju 2010 izda, testendi dak l-ordni ta’ *probation* ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin mit-18 ta’ Gunju 2010, u cioè mid-data ta’ l-ordni originali.

A tenur ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputata bi kliem semplici l-effetti tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet ta’ illum anness ma’ din is-sentenza kif ukoll il-konsegwenzi li jkun hemm f’kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma’ l-imsemmija kondizzjonijiet jew jekk taghmel reat iehor waqt il-perijodu ta’ *probation*, u cioè li f’kaz ta’ htija tista’ tinghata sentenza ghar-reat originali **u** spiegatilha wkoll l-effetti ta’ l-estensjoni ta’ l-ordni ta’ *probation* datat 18 ta’ Gunju 2010 u tal-kondizzjonijiet ta’ dak l-ordni kif ukoll il-konsegwenzi li jkun hemm f’kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma’ l-imsemmija kondizzjonijiet jew jekk terga’ taghmel reat iehor waqt il-perijodu ta’ *probation*, u cioè li f’kaz ta’ htija tista’ tinghata sentenza ghar-reat originali.

A tenur ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tordna li kopja tad-Digriet ta’ Ordni ta’ *Probation* datat 17 ta’ Frar 2011 u kopja ta’ din is-sentenza jinghataw lill-imputata u jigu wkoll notifikati lid-Direttur tal-Probation Services sabiex f’dan il-kaz l-imputata tibqa tigi segwita mill-Probation Officer già assenjata lilha, kif ukoll lid-Direttur tal-Caritas.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex isir provvediment dwar is-sigurtà ta’ Yanica Aquilina u l-familja taghha a tenur ta’ l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jigi rilevat li tali artikolu huwa applikabbli waqt il-pendenza tal-proceduri izda, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tipprovdi ghas-sigurtà ta’ Yanica Aquilina u l-familja taghha billi taghmel ordni ta’ trazzin fil-konfront ta’ l-imputata a tenur ta’ l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’dana li l-imputata qed tigi projbita milli tavvicina jew b’xi mod issegwi l-movimenti ta’ Yanica Aquilina u tal-familja taghha ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mid-data ta’ din is-sentenza. Il-Qorti spiegat lill-imputata bi kliem car il-konsegwenzi jekk minghajr skuza ragonevoli tikser il-projbizzjoni imposta fuqha u cioè li a tenur ta’ l-Artikolu 382A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk tinstab hatja tista’ tehel multa ta’ elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew prigunerija ta’ mhuz izjed minn sitt xhur jew il-multa u prigunerija flimkien.

Il-Qorti in fine tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputata tigi ikkundannatha thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti a tenur ta’ l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi ma giex ippruvat li fil-fatt kien hemm esperti mahtura in konnessjoni ma’ din il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------